# NOTA TA' GWIDA GĦALL-PUBBLIKU RIGWARD CRYPTOCURRENCY SCAMS

© MFSA, 25/04/2019

# Werrej


| | |
|---|---|
| Introduzzjoni | 3 |
| Ġenerali | 3 |
| Kif jibdew il-frodi? | 4 |
| Din hija frodi? | 4 |
| Kun sigur waqt li tinvesti | 6 |
| Naħseb li sirt vittma ta' frodi. X'nagħmel? | 6 |

## 1. Introduzzjoni

L-Awtorità għas-Servizzi Finanzjarji ta' Malta ('MFSA' jew 'l-Awtorità') hija l-uniku regulatur għas-servizzi finanzjarji f'Malta. L-MFSA tirregola s-servizzi bankarji, l-istituzzjonijiet finanzjarji, il-kumpaniji tal-assigurazzjoni u intermedjarji, kumpaniji tas-servizzi tal-investiment u skemi kollettivi tal-investiment, *securities markets*, *recognised investment exchanges, trustees*, kumpaniji li jipprovdu s-servizzi u skemi tal-pensjoni. Mill-2018, l-Awtorità saret responsabbli tar-regolamentazzjoni tal-qasam tal-cryproassets, speċifikament għall-Assi Finanzjarji Virtwali.

L-MFSA ppubblikat numru ta' twissijiet rigward l-entitajiet u s-siti li huma ta' natura dubjuża u li għandhom jiġu evitati mill-konsumaturi. L-MFSA tixtieq tkompli teduka lill-pubbliku rigward kif għandu jidentifika u jevita, kif ukoll x'inhuma l-azzjonijiet meħtieġa, jekk wieħed jiltaqa' ma' skema ta' natura dubjuża fis-settur tal-*crypto-asset*.

F'dan ir-rigward, din in-nota hija intenzjonata li tipprovdi lill-konsumaturi bi gwida għal xiex iridu joqogħdu attenti meta jkunu qed jinvestu f'dan is-settur. B'hekk aħna nagħtu l-parir li l-konsumaturi jużaw kumpaniji li huma rregolati u taħt sorveljanza.

## 2. Ġenerali

_X'inhuma muniti virtwali?_

It-termini 'muniti virtwali' u '*crypto-currencies*' huma użati ferm u m'hemm ebda definizzjoni li ġiet maqbula dwarhom. La qed tintuża l-kelma 'munita', nafu li ż-żewġ termini huma b'isem żbaljat peress li mhumiex sostnuti minn xi gvern jew minn bank ċentrali. F'termini sempliċi, 'crypto-assets' huma skrizzjonijiet limitati f' 'database', li ma jistgħux jinbidlu sakemm ċerti kundizzjonijiet ma jiġux milħuqa, li fihom tintuża l-kriptografija biex tassigura u tivverifika t-tranżassjonijiet u tikkontrolla l-kreazzjoni ta' xi unità ġdida.

_Liċenzji u regolamenti_

L-Att dwar l-Assi Finanzjarji Virtwali ('AAFV' jew 'l-Att') daħal fis-seħħ fl-1 ta' Novembru 2018. Dan ma jirrigwardax muniti virtwali jew *crypto-currencies*, iżda l-assi finanzjarji virtwali. Fi ftit kliem jirregola l-offerta ta' assi finanzjarji virtwali għall-pubbliku u s-servizzi pprovduti

f'relazzjoni ma' assi finanzjarji virtwali, ġo Malta jew minn Malta. Huwa enfasizzat li sal-lum m'hemm ebda *whitepapers*[1] li ġew reġistrati mal-MFSA u ebda entitajiet liċenzjati mill-Awtorità taħt l-Att tal-AAFV biex joffru 'muniti virtwali' jew *crypto-currencies* jew li jkunu involuti f'negozju marbut ma' dawn.

## 3. Kif jibdew il-frodi?

Hemm numru ta' modi ta' kif wieħed jista' jiltaqa' ma' xi frodi. L-iktar mod komuni huwa dak li wieħed jagħfas fuq riklam rigward investimenti prospettivi, li jistgħu jkunu preżenti fuq diversi *platforms* tal-medja soċjali jew siti. Il-frodisti jistgħu jużaw diversi titli biex jattiraw lill-utent, bħal 'sir sinjur f'xahar', 'agħmel il-flus mid-dar' u anki jiġu użati xi figuri pubbliċi b'mod illegali sabiex jimmanipulaw lill-pubbliku. Tista' anki tiġi avviċinat mingħajr ma ħadt l-inizjattiva inti. L-i*scammers* jistgħu jużaw xi informazzjoni li hija disponibbli pubblikament fuq il-medja soċjali. Meta wieħed jikklikkja fuq ir-riklam jista' jiġi mwassal għas-sit tagħhom jew mistoqsi għal informazzjoni personali, bħall-indirizz elettroniku jew in-numru tat-telefon. Imbagħad jiġi kkuntattjat minn bejjiegħ li jipprova jispjega kemm hu faċli, sigur u malajr li wieħed jista' jagħmel il-profitt, u b'hekk jikkonvinċi sabiex dak li jkun jinvesti jew jixtri prodott (per eżempju xi 'token' jew munita[2]). Xi wħud jistgħu anki jsemmu li l-grupp tal-ispeċjalisti tagħhom se jinvestu u jamministraw kollox għalik.

## 4. Din hija frodi?

Mal-ewwel daqqa t'għajn, il-frodi tipikament jagħtu l-illużjoni ta' negozju leġittimu u għalhekk jaf jidhru affidabbli. Din is-sensazzjoni ta' fiduċja hija miksuba permezz ta' siti professjonali, u billi 'jħaddmu' nies li huma lesti li jagħtu tweġiba lill-mistoqsijiet kollha li wieħed jista' jkollu. Dawn it-tip ta' kumpaniji jistgħu anki jallegaw li huma awtorizzati u regolati. Dawn l-azzjonijiet kollha huma intenzjonati li jipprovdu lil dak li jkun b'sens ta' sigurtà falza.

Tip ta' frodi u ta' kriptokambju komuni huma ICOs (Initial Coin Offerings[3]) foloz. ICOs jistgħu jkunu delikati għal investitur bla esperjenza.

[1] Whitepaper – document li jipprovdi informazzjoni dwar l-*Initial Coin Offering*.
[2] Token/Munita – terminu li jintuża biex nirreferu għal ass li jitqassam lill-investitur, wara li jkun sar l-*Initial Coin Offering*
[3] Initial Coin Offering – l-offerta ta' muniti lill-investituri, bi skambju għal fondi

Nies li jħaddmu l-frodi jistgħu jħaddmu l-ICOs bl-ebda valur sottostanti u li jistgħu jintużaw biss fuq il-*platforms* provduti. Dawn il-*platforms* jistgħu eventwalment jingħalqu u jisparixxu flimkien ma' flusek.

Frodi simili jistgħu jinvolvu finanzjament kollettiv. Dawn it-tipi ta' "negozji" jiġbru fondi minn investituri li ma jissuspettawx bil-wegħda ta' qligħ / żieda fil-profitt / prezzijiet li jibdew baxxi ferm jew vantaġġi oħra bħal dawn li jistgħu jintużaw meta l-munita ssir attiva.

Tip ta' frodi oħrajn marbuta mal-muniti virtwali jistgħu jinkludu *platforms* ta' bdil foloz, u *e-wallet apps*[4] foloz eċċ... Ħafna drabi fil-bidu wieħed jibda jagħmel profitti attraenti li jwassluh biex jinvesti f'ammonti ikbar tal-flus. Jekk wieħed ibati t-telf, però, huma se jassigurawh li jekk jerġa' jinvesti se jaqla' l-flus kollha lura u jibda jagħmel il-profitt. F'xenarju bħal dan jistgħu anki jistaqsuh għal iktar flus, probabbilment jaqtgħu kuntatt miegħu u jibblukkaw l-aċċess għall-kont wara li dan jiġi ddepożitat.

Minkejja xi frodi jistgħu jvarjaw fit-tip, hemm xi punti konsistenti li wieħed irid joqgħod attent għalihom, primarjament:

i. rati ta' ritorn għoljin mhux realistiċi, ogħla mill-medja tas-suq;
ii. tiġbid ta' flus li jista' jsir fi kwalikwe ħin;
iii. wegħdiet li kwalunkwe fondi depożitati huma garantiti 100%;
iv. in-negozju mhux irregolat;
v. nuqqas ta' dokumentazzjoni jew l-użu ta' dokumentazzjoni li tkun ikkupjata minn negozju leġittimu;
vi. tekniki ta' bejgħ aggressivi li jpoġġu pressjoni u jgħaġġluk biex tiżgura bejgħ;
vii. in-nuqqas ta' uffiċċji lokali fiżiċi;
viii. kontradizzjonijiet bejn id-dokumenti u l-informazzjoni mitkellma;
ix. ma jwiġbux u jevitaw mistoqsijiet diffiċli;
x. nuqqas ta' informazzjoni provduta fuq il-websajt, jew fuq fil-*whitepaper*
xi. l-użu ta' kliem bħal 'bla riskji','qligħ garantit','sir biljunarju','servizzi b'xejn, kulma trid tagħmel hu li tirreġistra'.

[4] E-wallet apps – applikazzjonijiet li jintużaw biex jinħażnu l-*crypto-assets*

## 5. Kun sigur waqt li tinvesti

L-MFSA tagħti parir lill-konsumaturi tas-servizzi finanzjarji biex jipproċedu bl-investimenti tagħhom b'attenzjoni kbira filwaqt li joqogħdu attenti u ma jinvestux f'xi ħaġa li ma jifhmux. Qabel ma jkompli bl-investiment ma' kwalinkwe kumpanija, wieħed għandu jwettaq riċerka xierqa dwar il-kumpanija u n-nies warajha. Meta persuna jew entità tistqarr li hija awtorizzata jew regolata mill-MFSA, wieħed għandu dejjem jivverifika l-veraċità ta' dawn l-istqarrijiet billi jikkonferma mar-Reġistru tas-Servizzi Finanzjarji *online*. Jekk il-konsumatur ikun għadu fid-dubju, wieħed jista' jikkuntattja lill-Awtorità billi jibgħat email fuq info@mfsa.com.mt sabiex jikseb iktar kjarifiki.

## 6. Naħseb li sirt vittma ta' frodi. X'nagħmel?

Jekk inti vittma ta' xi frodi, kemm jekk huwa fil-qasam tal-*crypto-assets* jew kull tip ta' frodi finanzjarji, għandek tieqaf milli tagħmel kwalinkwe tranżazzjonijiet mal-kumpanija involuta u kkuntattja l-MFSA immedjatament kif jiġuk xi suspetti.

**U dejjem ftakar – li mhux kulma jleqq huwa deheb!**